**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-12 ta' Lulju, 2018**

**Talba Numru: 544/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 01**

**Paul Bonnici and Son Limited (C-52246)**

**Cornucopia, 45,**

**Birguma Road,**

**San Pawl tat-Targa,**

**Naxxar**

**Vs**

**George Galea**

**Harruba,**

**Triq Santa Maria,**

**Maghtab l/o Naxxar u**

**Joanne Gatt**

**Bini tal-Gvern, Blk 2A, Door 1, Flat 4,**

**Triq Gzira,**

**Gzira**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fl-ewwel (01) ta' Dicembru, 2017 li permezz tieghu talbet li l-konvenuti jigu ordnati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef u tnejn u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmu (€4,052.65c) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti merkanzija ossia xorb u merkanzija relatata.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher hadd ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma t' erbat elef u tnejn u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmu (€4,052.65c) bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali 27 ta' Lulju, 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-attrici ufficjali numru 1682/17, huma a kariku tal-konvenuti.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**